# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru 2 Mejju Gunju 1994



Spettaklu l-Għadira

## Fjura Ġdida



Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata



Victor Falzon

*Farfett Ikħal*

MOS

BirdLife INTERNATIONAL

## IL-Magażin tal-KLABB ĦUTTAF

# editorjal



Għeżież Ħuttaf,

Tiftakruha dik il-maltempata ta' l-4 ta' April? Kemm nies daħlilhom l-ilma ġewwa, kemm erjals tat-televixin tgħawwġu, kemm karozzi waqfu bil-wied...

Nimmaġina illi bħali ħafna minnkom kontu dak il-ħin imgezzin ġewwa djarkom. Forsi qgħadtu wara xi tieqa tittawlu lejn it-triq taraw u tisimgħu x-xita nieżla u r-riħ ivenven, filli dlam ċappa u filli dawl qawwi ta' berqa. Jiena hekk għamilt!

U waqt li kont b'minkbejja fuq ħoġor it-tieqa u b'magg te sħun isaħħanli jdejja, qgħadt naħseb ftit kemm eluf ta' għasafar kienu qegħdin dak il-mument jippruvaw jaqsmu l-Mediterran. Immaġinajt għasfur daqs bufula jaqdef u jaqdef fid-dlam bejn sema u ilma, mitluf għax is-sħab għattielu l-kwiekeb li kienu qed jiggwidawh, bix-xita tfaqqa' fuq daħru u f'għajnejh, bir-riħ jimbuttah 'l hawn u 'l hemm bħal biċċa karta, 'il fuq u 'l isfel u lura. Immaġinajt dik il-qalb daqs piżella tħabbat f'dak is-sider żgħir, tipprova żżomm sħun dak il-ġisem għajjien, jaqdef u jaqdef bi ġwienaħ għasra: jixtieq jinżel jistrieħ ftit, imma ma jistax għax taħtu xejn ħlief newġ m'għola sur...

B'miraklu jsibu din in-nitfa art jisimha Malta, u jimmiraw għall-kenn tal-widien tagħha. Hemmhekk isibhom xi rambo-kawboj-kaċċatur... u joqtolhom!

Misħuta kaċċa!

Victor Falzon
L-Editur






*Faċċata ta' Quddiem*

**Farfett Ikħal**

(*Polyommatus icarus* - Common Blue)

Farfett żgħir u delikat, ikħal fil-vjola ċar minn fuq, bi dbabar suwed u oranġjo minn taħt. L-aktar wieħed komuni mill-friefet koħol ta' Malta. Ix-xagħat ikun aħdar miksi b'suf qasir kannella, u jiekol, fost oħrajn, weraq tat-trew.

## Iktbulna

**Għandkom xi idejat għall-Huttafa?** Għandkom xi ċajta tajba, xi logħba interessanti, xi poeżija dwar in-natura li ktibtu intom? Hemm xi ħaġa li tixtiequ tistaqsu lill-esperti tagħna? Iktbulna f'dan l-indirizz:

**L-Editur Il-Huttafa**
**Klabb Huttaf**
**MOS POBox 498**
**Valletta CMR 01**

Il-Klabb Ħuttaf hija t-taqsima ta' l-MOS li tieħu ħsieb il-membri taħt l-erbatax-il sena. Din it-taqsima torganizza attivitajiet bħal ħarġiet fil-kampanja, żjajjar f'riservi naturali, taħdidiet bi slajds u xi drabi xogħol ambjentali. Il-Klabb Ħuttaf jippublika n-newsletter-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets, logħob u kompetizzjonijiet għal waqt l-attivitajiet. Il-membri huma bħalissa maqsumin f'żewġ reġjuni ġeografiċi, jiġifieri l-Ħuttaf ta' Fuq u l-Ħuttaf t'Isfel. Il-Klabb huwa mmexxi minn working group ta' Youth Leaders.

© MOS 1994
Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet



## Sultan fix-Xibka!!

F'Marzu xi ringers ta' l-MOS kienu qed jirringjaw l-għasafar fuq Kemmuna. U ma taqtgħux x'qabdu. Qabdu **Sultan il-Gamiem tat-Toppu** (bl-Ingliż Great Spotted Cuckoo), għasfur rari l-ġmiel tiegħu. Kemmuna hija riserva naturali, jiġifieri fuqha ma tistax issir kaċċa. Fil-fatt ħafna kaċċaturi jħalluha bi kwietha lil Kemmuna. U għalhekk xi sorpriża dil-gżira qatt ma tonqos li 'ttina.

## *Orkida Gdida*



Fir-renju tal-pjanti hemm grupp ta' fjuri li jisimhom **orkidi**. L-orkidi huma famużi għall-ġmiel u ħafna drabi għall-istramberija tal-fjuri tagħhom. Fid-dinja nsibu aktar minn 7500 speċi ta' orkidi, li ħafna minnhom jikbru f'artijiet sħan u umdi. Imma f'Malta għandna xi ħaġa minnhom ukoll. Fil-fatt sa ftit ġimgħat ilu f'Malta konna nafu bi 22 speċi ta' orkidi. Imma dan l-aħħar fl-inħawi tal-Buskett instabet orkida li għal Malta hija ġdida. Pjanta delikata bi fjura bellezza. Bil-latin jisimha *Ophrys lunulata* u bl-Ingliż Crescent Orchid. Bil-Malti nistgħu nsejħulha **Orkida tal-Qamar**, għax fuq il-petala t'isfel għandha marka kaħla forma ta' felli qamar. B'hekk issa l-lista telgħet għal 23 speċi.

PS Skond aħbar reċenti, xi ħadd għoġbitu l-fjura... u qatagħha!! Tgħid erġajna nżilna għal 22?

## Air Raid ta' Rsieset

Spiss jiġri li għasafar li jkunu qegħdin ipassu jiltaqgħu mal-maltemp. Il-maltemp mhux biss itellifhom ir-rotta, imma jgħejjihom qabel il-waqt, u għalkemm ħafna minnhom jimmiraw għall-eqreb art. U kultant l-effett ikun spettakolari...

Ma' sbieħ il-5 ta' April ta' dis-sena, jiġifieri l-għada tal-maltemp ta' l-4 ta' April, dehru f'Malta kwantità ta' rsieset, fosthom irsieset griżi u rsieset ħomor, agretti bojod u kwakk. L-aktar li dehru kien fin-naħat ta' l-irdum tan-Nofsinhar ta' Malta. Minn Wied iż-Żurrieq, fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu **għaddew mill-inqas 6000 russett!** Spettaklu li kważi jnessik li qiegħed Malta!



B'xorti tajba l-istaġun tal-kaċċa kien għadu ma fetaħx, u għalhekk ma sarx il-massakru li kieku kien isir. Però xorta waħda nstema' l-isparar f'ħafna postijiet ta' Malta, u ddaħħlu xi għasafar feruti għand l-MOS biex tikkurahom.

## Sajjied mis-sema!



**Fis-16 ta' April, għal xi l-10.30am min kien fir-riserva ta' l-Għadira ra spettaklu li rari tarah f'Malta. Mill-bogħod tfaċċat arpa (osprey) ġejja taqdef bil-mod, daret tnejn fuq l-għadajjar tar-riserva u... Ċluff!! Niżlet sparata għal xi mulett. Ma rnexxilhiex taqbad, u wara ftit minuti dan l-għasfur majestuż reġa' lura minn fejn kien ġie...**

PS Smajna li l-arpa reġgħet ġiet iktar tard, u fi triqtha lura sparaw ħafna fuqha. Jiġifieri nistgħu nroddulha salib

## Gamiem u Summien Biss!!

Dis-sena ħafna minna n-naturalisti bdejna nduqu x'jiġifieri kampanja bl-għasafar fir-rebbiegħa mingħajr kaċċaturi. Bdew jitfaċċaw għasafar kullimkien, ipoġġu bla ma kważi ħadd itellifhom. Sa fjamingu niżel l-Għadira u ċappas ġimgħa jistad hemm ġew (staqsu lill-mijiet ta' nies li marru fir-riserva biex jarawh). Dan minħabba l-liġi l-ġdida, li hija aħjar minn kif kienet qabel.



Imma l-ġmiel issa reġa' spiċċa, għax din il-liġi ġdida mhix tajba biżżejjed. Fl-10 ta' April reġa' fetaħ l-istaġun tal-qtil u l-qbid għal ħames ġimgħat sħaħ. Il-kaċċaturi u n-nassaba taparsi se joqtlu u se jaqbdu gamiem u summien BISS. U tgħid mhux hekk??!!

# Mid-dinja...



## It-Tigri f'tarf l-irdum

Fid-dinja kollha baqa' biss xi 5000 tigra! Tgħiduli: "Il-aħwa kemm tigri!" Xejn minn dan: ix-xjenzati huma inkwetati ħafna li t-tigra dalwaqt tisparixxi minn wiċċ id-dinja. Għalkemm kontra l-liġi, ħafna tigri għadhom jinqatlu kull sena, speċjalment fiċ-Ċina, għax jgħidu li mill-għadam taghhom tista' tagħmel mediċina li żżommok żagħżugħ! Ideja oħra oriġinali taċ-Ċiniżi!



## AĦJAR għall-Ajkli!

Fis-snin sittin u sebgħin l-Ajkla tad-Denb Abjad (White-tailed Eagle) kienet fit-triq tan-niżla u kważi nqerdet għal kollox mid-dinja. Din hija ajkla kbira li tbejjet l-aktar fin-Norveġja, u ma dehretx aktar minn darba f'Malta.
F'dawn l-aħħar snin saru ħafna studji, proġetti u kampanji għall-ħarsien ta' dan l-għasfur. Fost dawn ġew dikjarati numru ta' riservi fejn din l-ajkla tista' tbejjet fil-paċi.
Dawn l-isforzi kollha mid-dehra rnexxew, għax illum hawn mal-5000 par. Għalkemm mhux xi numru kbir, xorta waħda huwa d-doppju ta' li kien hawn għoxrin sena ilu. Nittamaw li jkomplu sejrin hekk... u li ma jersqux lejn Malta, ma jmurx jispiċċaw iżejnu xi vetrina.






## Ittri...

**Għażiż Editur,**

**Fil-ġnien għandna siġra li kull sena meta ttella' l-weraq il-ġodda, jibdew jitfaċċaw fil-weraq toqob tondi perfetti. Id-Daddy qalli li dak ikun xi *caterpillar*. Tista' tgħidli x'*caterpillar* hu, għax s'issa qatt ma qbadt wieħed qed jiekol. Is-siġra hija Siġra ta' Ġuda. Qed nibgħatlek tpinġija ta' werqa mikula. Sorry jekk ma tantx hija tajba.**

**Prosit tal-magażin il-ġdid u nispera li twiġibni.**

**Jasmine D'Amato**
**Tarxien**

Għażiża Jasmine,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek u anke tat-tpinġija. Staqsejtlek ftit dwar iċ-ċrieki misterjużi.

Mid-dehra dawk m'humiex xogħol ta' xagħat (*caterpillar*) imma ta' speċi ta' naħla li tgħix weħidha. Hija żżur is-siġar is-soltu filgħodu kmieni, u forsi għalhekk inti qatt ma rajtha! In-naħla ma tiklux dak il-weraq, imma ġġorru lejn il-bejta li tħaffer hija stess f'xi fil ta' ħajt, ħalli mbagħad ġo fiha tbid bajda u tkaħħal il-bejta. Min jaf, forsi l-bejta qed tagħmilha fil-ġnien tagħkom stess. Fittex sewwa speċjalment f'xi tikħil bil-ġir jew bit-tajn, u jekk issib toqba tonda tonda wiesgħa xi 5mm, żommilha l-għassa u forsi tilmaħ lil dik il-ħalliela żgħira dieħla b'xi biċċa werqa!

→ ●

L-Editur

## X'HAWN MIKTUB?



X'taħseb li hawn miktub hawn fuq? Daqsxejn diffiċli, għax is-sentenza waqgħetilna fit-triq u leħaq għadda romblu minn fuqha u ċċattjahielna!!! Hemm metodu sempliċi ħafna kif tara aħjar il-kliem. Imma mhux se ngħidulkom. Ejja, ħaddmu raskom Ħuttaf! Ir-riżultat huwa kmandament tan-naturalisti!



# IT-TAJRA SAFRA

Mark Falzon




**Bħalissa ninsabu fl-eqqel tal-passa u dawra f'xi mkien imsaġġar x'aktarx li tlaqqagħna ma' xi wħud mill-għasafar li jgħaddu minn Malta. Fost dawn ma tonqosx it-Tajra Safra .**

It-Tajra Safra hi mlewna għall-aħħar: ir-raġel hu isfar dehbieni bi ġwienaħ suwed tuta u maskla sewda fuq għajnejh. Il-mara hi ta' lewn aktar kiebi, aħdar safrani minn fuq u żaqq bajda mnaqqxa b'daqqiet skuri. Fiż-żewġ sessi s-saqajn u l-għajnejn huma ħomor.

It-Tajra Safra żżurna darbtejn fis-sena. Fir-rebbiegħa hi komuni sew minn April sal-bidu ta' Ġunju, l-aktar fl-ewwel nofs ta' Mejju. Fil-ħarifa hi inqas spissa iżda tidher regolarment minn Awwissu sa Ottubru, l-aktar f'Settembru.

Għalkemm komuni u mlewna sew, mhux dejjem hu faċli li tilmaħ din it-tajra. Dan għaliex hi tħobb tinsatar qalb il-friegħi ta' xi siġra kbira u folta. Billi tħobb inħawi msaġġra, f'Malta niltaqgħu magħha fil-widien u f'imkejjen bħall-Buskett u l-ġonna pubbliċi. Forsi l-aħjar post biex wieħed josserva t-tajr isfar u anke jitpaxxa bl-għanja tiegħu, hu l-ġnien ta' Sant Anton, anke minħabba li hu nieqes mill-kaċċaturi li s-soltu jagħmlu ħerba minn dan l-għasfur. F'Mejju t-Tajra Safra tħobb tħuf qalb is-siġar tal-frott, l-aktar taċ-Ċawsli u n-Naspli. Spiss tidher tiekol kemm tiflaħ minn dan il-frott biex trabbi x-xaħam tant meħtieġ bħala maħżen ta' enerġija għall-passa. L-istess bħalna qabel xi ġirja jew mixja iebsa, l-għasfur irid jara li għandu biżżejjed enerġija għat-titjiriet twal ta' matul il-passa.

It-Tajra Safra tbejjet fl-Ewropa kollha iżda tevita nħawi bi klima kiesħa: għalhekk ma nsibuhiex fl-Iskandinavja u l-Iskozja, ngħidu aħna. Tħobb ambjent fietel u għaldaqstant hi marbuta b'mod speċjali mal-Mediterran. Jingħad li fl-antik ġieli ppruvat tbejjet f'artna, u hu minnu li postijiet bħall-Buskett joffru dak kollu li teħtieġ biex tibni l-bejta u trabbi l-frieħ. Fl-artijiet fejn tbejjet, it-Tajra Safra ssib fergħa fil-għoli fejn tinseġ bejta f'għamla ta' skutella żgħira minn ħafur u ħxejjex irqaq oħra. Tbid xi erba' bajdiet li jfaqqsu wara ħmistax-il ġurnata. L-omm u l-missier it-tnejn jieħdu ħsieb iżoqqu l-frieħ, li jħallu l-bejta wara xi erbatax-il jum.

Wara żmien il-bejta l-adulti u l-frieħ iħejju biex ipassu 'l isfel lejn l-Afrika, fejn iqattgħu x-xitwa. Fi triqthom uħud jgħaddu minn Malta. Minn studju li sar permezz tar-*ringing* (it-tqegħid ta' ċrieket ħfief ma' saqajn l-għasafar) instab li t-Tajr Isfar li naraw Malta jiġi minn pajjiżi differenti, bħall-Italja, l-eks-Ċekoslovakkja u l-Ġermanja. Instab ukoll li mhux l-ewwel darba li waqt il-passa jieqaf għal jiem sħaħ fostna biex jiekol u jistrieħ. Dan dejjem jekk inħalluh.

L-ilwien mill-isbaħ u d-daqs mezzan tat-Tajra Safra jfissru li dan l-għasfur hu mfittex ħafna mill-kaċċaturi. Kull sena f'Malta jinqatlu eluf kbar minnu u f'Mejju hu forsi l-għasfur li jinqatel fl-ikbar għadd. U dan minkejja li ilu protett mill-1917!!

It-Tajra Safra tista' tbejjet f'pajjiżna u bl-għana u l-ġmiel tagħha timla' l-ġonna u l-imsaġar. Ħasra li għad hawn nies li jippreferu jarawha mejta. B'nuqqas ta' għaqal, ħlejqa mill-isbaħ tinbidel ħesrem f'balla rix bla ħajja. Dan jieqaf biss jekk aħna ż-żgħar nitgħallmu nħobbu n-natura, natura li wara kollox hi ħolqien bħalna u għandha jedd tgħix daqsna.



Desirée Falzon

Tajra safra... li ma komplietx il-passa!






## 20 ta' Mejju

Għal Mejju għandna maħsuba **Lelja Kraft**. Din l-attività qatt s'issa m'għamilna bħalha, u għalhekk għandha tkun interessanti biss biss għax ġdida! Se tkun lejla ta' arti u kraft fejn se nużaw idejna biex nagħmlu xi affarijiet li b'xi mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu man-natura. Dak li tagħmlu imbagħad teħduh magħkom... Ejjew mela nqattgħu lejla flimkien inlaqqgħu u nħaddmu l-immaġinazzjoni tagħna! Xi ħaġa x'innaqqru u x'nixorbu... ikun hemm ukoll!




**Post: L-Istitut Kattolku**
**Ħin: 6pm*** sa **8pm**
**Dħul: 50ċ**
**Mistiedna l-Ħuttaf kollha!**
(Ġenituri merħba)
*Min ma jafx fejn hu l-Istitut niltaqgħu miegħu fis-5.45pm ħdejn tal-ħalib.

## 17 ta' Ġunju

# AMBJENTI MALTIN

Dan ix-xahar se jkollna **taħdita bi slajds** dwar l-Ambjenti differenti li nsibu f'Malta. Għalkemm Malta hija żgħira, insibu fiha varjetà ta' ambjenti, ilkoll bil-flora u l-fawna speċjali tagħhom. Fuq l-irdum m'intix se ssib il-Luq jikber. U lanqas se nemmnek jekk tgħidli li rajt Merill imperreċ fuq Ċipressa f'xi bosk! Jew Ballottra tqaxxar l-imħar minn ma' xatt il-baħar!
Imma tgħid, għaliex le?
Ejja ara u isma', u tgħallem dwar l-ekoloġija ta' pajjiżek.

**Post: Sala Despott** (Furjana)
**Ħin: 6pm*** sas-**7pm**
**Mistiedna l-Ħuttaf kollha!**
(Ġenituri merħba)
*Min ma jafx fejn hi Sala Despott niltaqgħu miegħu fis-5.45pm ħdejn tal-ħalib.

**Bħas-soltu wara t-taħdita jkollna l-Kompetizzjoni Kwiżż**




***Fejn qiegħed il-ħanut ta' l-MOS?***




***MOS Nature Shop***
***65 Triq Santa Luċija Valletta VLT 09***

## AVVIŻ IMPORTANTI

**Nixtiequ li meta tiġu għall-ħarġiet tal-Klabb tagħna ġġorru dejjem magħkom biċċa karta żgħira b'isimkom, indirizz u n-numru tat-telefon. Dan biex f'każ ta' bżonn il-leaders ikunu jistgħu jikkuntattjaw lil nieskom. *Mhuwiex biżżejjed* li tkunu tafu dawn id-dettalji bl-amment. Importanti għalina li jkunu *miktubin*.**



# Poeżija

# ART GALLERY

*X'ħasra!*

*Kont qiegħda nitgħaxxaq*
*Inħares lejn għasfur*
*Jittajjar fil-għoli*
*Fis-sema ikħal skur.*

*Iżda f'daqqa waħda,*
*Jinstema' tir fil-bogħod,*
*Li ħalla lill-għasfur*
*Fl-aħħar uġigħ jirtogħod.*

*Rajtu mgħarraq f'demmu,*
*Tħassartu lill-għasfur -*
*Ħlejqa ferm sabiħa,*
*B'tir ta' senter minxur!*

*Staqsejt lili nnifsi:*
*Għaliex qed jagħmlu dan*
*Dawk il-kaċċaturi?*
*Dan huwa żball uman!*

Din il-poeżija bagħtithielna
**Daniela Spiteri**



***Bilbla***
*minn*
***Christine Mizzi***



***Daqquqa tat-Toppu***
*minn*
***Keith Spiteri***





***Żanżarell tat-Tikki***
*minn* ***Ryan Pisani***



**Tinqala' għat-tpinġija?** Tħobb tiskeċċja annimali u pjanti? Tixtieq ħaddieħor japprezza l-arti tiegħek? X'qed tistenna? Ibagħtilna xogħlok, u aħna nieħdu pjaċir inġibuh fil-Huttafa. Basta mhux bil-kulur. Tinsix tibgħat ukoll ismek, kemm għandek żmien u anke x'inhu l-annimal jew pjanta li tkun pinġejt.

# LOTTERIJA 94

Biex tagħmel ftit fundraising (ġbir ta' flus), l-MOS qed torganizza lotterija. S'intendi biex din il-lotterjia tkun suċċess irridu nbigħu ħafna biljetti. Hawnhekk intom il-membri tistgħu tgħinuna ħafna.

Għalhekk għandkom tirċievu pakkett biljetti biex jekk tridu tippruvaw tbigħuhulna. Kull pakkett fih 30 biljett li jiswew 10ċ kull wieħed.

Jekk tbigħu 20 biljett u tiġbru Lm2, tistgħu mbagħad jew iżżommu l-għaxar biljetti l-oħra għalikom b'xejn bħala rigal, jew inkella tbigħuhom ukoll u żżommu l-lira għalikom.

Importanti li l-biljetti tbigħuhom sa mhux aktar tard mit- 23 ta' Settembru 1994. Il- flus li tiġbru, il-biċċiet ta' quddiem tal-biljetti, u xi biljetti li ma tkunux begħtu għadduhom lura lill-MOS jew bil-posta (tibagħtux muniti bil-posta), jew fin-Nature Shop jew anke lil-Leaders waqt xi attività tagħna.

**Ftakru. Kull ċenteżmu li tiġbru għall-MOS qegħdin tiġbruh għall-ġid u għall-ħarsien ta' l-għasafar u tan-natura.**

# Iż-Żrinġ



Ma' dil-ħarġa tal-Ħuttafa qegħdin nibagħtulkom fuljett dwar iż-żrinġ. Iż-żrinġ huwa annimal speċjali ħafna għalina n-naturalisti, għax huwa l-uniku amfibju li għandna f'Malta. Veru li f'daż-żmien tas-sena ma tantx tara żrinġijiet, minħabba n-nixfa kbira li jkollna kullimkien. Imma naħseb li xorta waħda tapprezzawh il-fuljett!

# Daħħal Membru Ġdid



**Offerta speċjali**

**Daħħal membru ġdid mal-Ħuttaf u nagħtuk sett ta' erba' posters bil-kulur dwar l-annimali u l-pjanti ta' Malta. Sewwa smajt: erba' posters mimlijin rettili, mammiferi, fjuri eċċ.**

Imla dil-formola u ibgħatha lil: **Daħħal Membru Ġdid, Klabb Ħuttaf MOS, POBox498 Valletta CMR 01**

Jekk ma tridx tgħarraq il-magazin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha

***Ibgħatli dawk il-posters issa stess!!!***

Iva, għadni kemm daħħalt membru ġdid! Jiena jisimni ______________________.

In-numru tal-membership tiegħi huwa [          ]. Dawn li ġejjin huma d-dettalji tal-membru l-ġdid/a li daħħalt jiena.

**Isem u Kunjom:** ______________________

**Indirizz:** ______________________

**Data tat-twelid:**

| jum | xahar | sena |
|---|---|---|
| | | |

**Telefon:** ______________

Ma' dil-formola għandek issib b'lira bolli (mhux użati) tal-5ċ jew ċekk/postal order ta' Lm1.